# IN-NAHLA

TA

## AUGUSTIN LEVANZIN

### RIVISTA PERIODICA ANGLO-MALTIJA
### BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU

**Ille tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebħa żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu mal meħtieġ.*
IL POETA LATIN ORAZJU.

Niggarantixxi li stampajt 5,000 copia ta dana in-numru.—Ġanni Muscat.

| **180** | **IR-RABA SENA** 1928 | **SOLD BISS.** |
|---|---|---|

Direttur-Proprietarju
PROF. AUGUSTIN LEVANZIN, B.A., D.PH., LL.B., D.PS., CH.F.
60, It-Triek tal Loġġa, Raħal Ġdid, Malta.

Manager u Caxxier: FRANCIS CONSIGLIO-LEVANZIN
60, It-Triek tal Loġġa, Raħal Ġdid, Malta.
Abbonament: Għandna, għand is-Sur Ġanni Muscat, Strada Mercanti, u għand il Libreria Critien, Strada Reale, il Belt.

Ħlas:—*Erba xelini cull tnejn u ħamsin numru; żeŭġ xelini cull sitta u għoxrin numru; xelin cull tlittax in-numru, bil kuddiem, posta barranija. Numru ta ħabel żeŭġ soldi. Tistgħu tibagħtu bħala ħlas bolli tat-tŭeta.*

## BIEX NIBDEU!

IN-"*NAĦLA TA AUGUSTIN LEVANZIN*" ŭara sittax il sena, sejjra tcompli toħroġ biex ixxerred fost il poplu malti, u l'actar fost il ħaddiema li tant għandom bżonn, għasel ŭisk actar bnin minn dac ta kabel billi min se'r jictibha, f'daż-żmien collu, meraħ fuk quart minn ŭiċċ id-dinja, u għalecc ġabar minn cull fejn mar dac il għasel ta fejda li sejjer jati, bla ma jgeŭŭes u b'kalbu collha, lill poplu.

Bħala rivista ma nimleŭx il ŭisa b'ħafna aħbarijet li jcunu ġa kdiemu meta jaslu f'idejcom.

Bħala rivista ma naħlux tant ŭisa għall politica tal partiti li kiegħdin joforku il poplu malti u saħansitra il familji b'tant mibegħda u ħsara cbira.

Il ŭisa prezjus li ġurnali oħra jaħlu għal daŭna jena sejjer nimliħ bħal bajda bl'actar tgħallim meħtieġ għall gid tal poplu imħolli fil għama.

Għaldakstant in-"Naħla" ma hemmx bżonn li jcollha ġurnata fissa meta toħroġ, għal l'ankas għal l'eŭŭel, sa chemm norganizzaŭ it-tkassim cbir tagħha seŭŭa u sa chemm inħarreġ chif imiss lil daŭc collha li bi ħsiebi nigbor ma dŭari biex ingħallimhom igħinuni bl'aħjar metodi ta Barra ħalli natu lil pajjisna rivista gŭappa chif tixraklu.

In-"Naħla" sejjra tcun l'eŭŭel fergħa ta li Scola Tecnica li ŭiegħidt li nisviluppa f'Malta, bħala Scola tal Ġurnalismu fuk mudelli tal America, bil ħsieb u bix-xeŭka li meta in-"Naħla" trabbi il għeruk tajjeb haŭna nisviluppaŭha f'rivista għal barra minn Malta ucoll.

B'hecc m'hux biss inkallgħu il ħobż onorat lil ħafna żgħażaħ u xebbiet tal iscola li f'dal mument ma nafux x'nagħmlu bihom, u nigbdu f'Malta ħafna flus għall abbonamenti u għar-reclami ta Barra f'but il Maltin, iżda ucoll inħarrġuhom tajjeb biex jecc icunu iridu jemigraŭ isibu fil Stati Uniti specialment posizzjonijet malajr u bi ħlas sabiħ.

Il ġurnalismu fl'America hu colossali; hemm fuk l'2,400 ġurnal ta cull jum, rivisti bħas-*Saturday Evening Post* b'circolazzjoni ta żeŭġ miljuni u nofs fil gimgħa u diretturi bħal Mr. Brisbane tal Hearst Newspapers li għandu salarju, fis-sena, daks tal President Coolidge, 75,000 dollaru.

In-"Naħla" sejjra tcun rivista assolutament tal galbu biex ŭieħed icun jista bla biża ta xejn iħalliha f'idejn uliedu biex jitgħallmu minnha dac li għandom bżonn biex jicbru b'saħħithom u jgħaddu il kuddiem fil ħajja.

In-"Naħla" ma tcun katt l'iscola karrieka u dannusa li tiżra f'kalb iż-żgħażaħ u ix-xebbiet tagħna daŭc il lezjonijet ta mibegħda, ta insulti, ta pastasati u ta malafami l'actar ħorox u coroħ bħal ma jagħmlu il biċċa il cbira tal ġurnali l'oħra.

In-"Naħla" bi ħsiebha issaħħaħ u tŭettak il carattru u l'onestà pratica u m'hux tħassarhom għall finijet u interessi personali.

In-"Naħla" tcun l'iscola tar-rġulija u tas-seŭŭa billi fiha katt u katt ma jidher xejn li ma jcunx għall veru gid u progress ta cullħadd.

In-"Naħla" hi mibnija fuk pedament finanzjarju hecc solidu li tista tibka tixxerred, b'circolazzjoni cbira, għal dejjem, anche jecc ma jcollhiex abbonat jeŭ reclam ŭieħed biss, u għalecc sejjra tcun assolutament indipendenti minn qualunque influenza u corruzjoni ta daŭc li jixtru il ġurnalisti għal iscopi ta kerk, jeŭ

ħsara jeŭ sfruttament tal imsejchen poplu, li jissieħeb f'bosta ġurnali biss biex imixxuh lejn l'abbiss tal ir-vina tiegħu.

In-"NAHLA" tcun ucoll il BULLETTIN ta li SCOLA TECNICA biex fiha nfissru il pjani u il mezzi neces-sarji ħalli nisviluppaŭha mil actar fis li nistgħu u biex ingħarrfu ucoll il progress li ncunu kiegħdin nagħmlu.

Nista nisguracom, bla fanfarunati ta xejn, u jena pront biex nippruvah b'documenti ċari, illi jena għandi pronti f'üieħed mil akŭa bankijet inglisi is-somma ta almenu HMISTAX IL ELF LIRA STERLINA u li jena bi ħsiebi nusahom collha għal l'isvilupp tan-"NAHLA" bil ħafna frieġħi tagħha chif għad nispiega fit-tul actar il kuddiem. M'hux biex natihom bħala carità lil daŭc li huma inidonei u li ma iridux imiddu għonkhom għal li studju u għax-xogħol, iżda biex nisviluppa daŭc ix-xienzi, daŭc is-snajja u daŭc l'in-dustriji li bħala *training* iħejju seŭŭa u b'cull mod lil daŭc collha li jridu jeŭ jakilgħu x'jeclu tajjeb haŭn jeŭ jimirħu Barra.

Daŭna jcollhom ucoll il benefiċju cbir tal infor-mazjoni, tal għajnuna u tar-raccomandazjoni tiegħi mal eluf ta ħbieb li għandi Barra.

In-"NAHLA" sejjra tcun in-nucleu biex tkankal f'Malta ma dŭarha moviment tant meħtieġ m'hux biss ta coltura popolari specialment xjentifica u igienica, iżda l'actar tas-soluzjoni tal acbar problema tagħna — l'EMIGRAZJONI — b'metodi, b'mezzi u b'suggerimenti ġod-da u ippruvati band'oħra.

In-"NAHLA" ma hix ħierġa biex tkatta iż-żmien li hu tant prezjus (*Time is money*) fil ħmerijet, fix-xecchic, fit-tgħajjir u fil pastasati, iżda biex tgħallem chif ŭieħed jutilizza cull minuta ta ħajjtu għall gid ta ruħu, ta moħħu, ta saħħtu, ta butu u ta pajjisu. Il cotra tal ġurnali li għandna juru il mentalità dgħajfa u lura tal maggioranza tal poplu malti. Il mis-sjoni tan-"NAHLA" hi li tissoleva dina il mentalità fi sfera ta coltura u ta utilità tali li nsiru xejn ankas mil aħjar ġnus l'oħra.

Għalecc nitma li daŭc il Maltin collha, u spe-cialment iż-żgħażaħ, li jridu jonfku flushom u li jix-tieku jkattgħu iż-żmien prezjus tagħhom f'kari ta fejda għall gid tagħhom stess, ta pajjishom u tal familji tagħhom, li tant għandom bżonn, jagħmluli il kalb billi jissieħbu u jxerrduha fost daŭc collha li l'ideal tal ħajja tagħhom ma hux id-dissipazjoni u il corru-zjoni iżda li jsiru nies, li jakilgħu onestament il flus it-tajjba u li jgħaddu mil actar fis il kuddiem.

Jecc tagħmlu dana jena bi ħsiebi m'hux biss li ncabbar in-"NAHLA" u li noħrogħa actar spiss u forsi ta cull jum, iżda ucoll li nżejjinha b'ħafna illustra-zjonijet sbiħ u ta għaxka.

Uruni bl'incoraggjament li triduni ncompli noħ-roġ in-"NAHLA" u jena niddedica il bkija ta ħajjti b'cull ma naf u b'cull ma għandi għal l'isvilupp cbir tagħha għall gid ta cullħadd.

In-"NAHLA" tiegħi il Kadima chellha mat-TLIET T'ELEF ABBONAT. Ma nafx għala ma għandix inlaħħak għadd acbar meta issa sejjer naticom "Naħla" ŭisk aħjar bil mezzi u bl'esperjenza li ġbart fl'aħħar sittax il sena.

Għinuni palata mela, u issibuni magħcom bir-ruħ, bil gisem u b'buti ucoll. Bosta katgħuli kalbi li nar-ġa noħroġ in-"NAHLA" mil ġdid. Kaluli li il Maltin tal-lum, u l'actar iż-żgħażaħ, ma iridux jonfku il ftit soldi li jara buthom, f'kari ta fejda jeŭ serju u onest iżda fil ġurnalaċċi mimlija collha tgħajjir u pastasati jeŭ ġlied tal partiti politici jeŭ tal baned, ħmerijet fuk namuri u tkassis fuk in-nies, malafami viljacchi tal isfruttaturi, b'avvisi mimlija kerk u għideb, u x'naf jen. Kaluli li jaħtfu daŭc ir-romanzaċċi li jixilgħulom moħ-ħom u li jgħarrkulom klubhom biex iġarrfuhom fit-triek il ħażina għar-rvina tagħhom u il għajb cbir ta nieshom u ta pajjishom.

Jena dana ma irridx nemmnu u l'ankas ma irrid nibka lura bla ma nakdi dmiri lejn pajjisi u lejn ħuti il Maltin mħabba f'dac li sefsfuli.

Daŭna actarx huma l'ilpup taħt gild ħarufi li jridu jcomplu jżommu il poplu fil għama u fid-dlam biex icomplu jerdgħulu demmu u jisserveŭ biħ bħal pupu għall finijet egoistici tagħhom; jeŭ li actarx ma iridunix ninħabb mal poplu billi nagħmillu il gid għax jibżgħu li allura inħaŭŭdilhom il borma tal caŭlata tagħhom.

Għalecc jena sejjer nipprova ħalli nara jecc hux minnu dac li sefsfuli l'għedeŭŭa tiegħi u tal poplu, li dejjem iridu jżommuh mirfus u fid-dlam.

Hu possibli li Malta għada tant l'ura u fil għama u fil corruzjoni li ma tridx tincoraggixxi lil min tas-seŭ irid jagħmlilha li veru gid u jgħaddiha il kuddiem?

Hu katt possibli li ma haŭnx f'Malta nies biż-żejjed b'moħħom miftuħ u imdaŭŭlin u li ma jagħir-fux il gid mid-deni tant li jena jcolli inżarma il kluħ, norbot id-dgħajjsa b'mażżra cbira għal dejjem u, b'rasi mgħaddsa u bid-dmugħ f'għajnejja, narġa ndaŭŭar denbi għal mnejn gejt, contra xeŭkti u il ħolma antica tiegħi, u did-darba għal dejjem?

Le, ma jistax icun; ma irridx nemmnu, u għalecc sejjer ingħaddi, b'tama u curaġġ cbar, il kuddiem.

Naf li l'ilpup jinbħu ŭarajja u jfittxu jisbranaŭni; iżda lil daŭn drajt nolkotom bis-siek u ngherrixom b'mod tali, li ma jservunix ħlief bħala stimolu biex actar inħaffef il kuddiem.

Naf ħafna li għadom ħajjin u li jgħożżu il ġabra tan-"NAHLA" il Kadima, illegata, daks tesor prezjus, u li ma jbeħuhiex b'mitkla deħeb, għad li illum jistgħu jitħallsu tajjeb tagħha tasseŭ; specialment billi dina in-"NAHLA" hi ħierġa tal istess daks u għamla. Daŭn nitma li collha jissieħbu mil ġdid ħalli jcomplu il collezjoni li maż-żmien tcun l'aħjar enciclopedija li jista katt icollom.

Naħseb ucoll li fost il boton il ġdid li tala ma tul is-sittax il sena li ili niekes, nibtu ħafna żgħażaħ u xebbiet tal għakal u intelligenti li jixtieku jitgħallmu ħŭejjeġ ta fejda biex bihom igħaddu il kuddiem, u l'actar jecc jinħtieġu daŭl u triegija biex imorru Barra u fil bogħod biex jakilgħu x'jeclu.

Lil daŭna jena nixtiek li nilħak l'actar billi huma tant marbuta ma kalbi u li mħabba fihom gejt mil ġdid l'actar f'Malta. Daŭna jafu chemm nista nagħm-lilom gid u chemm tista tisŭielom il ħila u l'esperien-za tiegħi.

Daŭna jafu li jena *a self made man*, li nbitt bħal ŭarda minn fost ix-xeŭc u li ŭara li issuperajt tant difficoltajet cbar ŭasalt fil port tas-success u tal prospe-rità bil kluħ miftuħa.

Min hu dac li jista jagħmilha ta mexxejj ħalli

ħuma ucoll jolktu il bull's eye tal ħajja, actar minni – mil imġarrab? Actar minni li għandi x'natihom ħafna bla ma għandi bżonn ta xejn u ta ħadd, ħlief tal buona volontà u tal cooperazjoni tagħcom?

Naf li, billi ħadd ma fetħilom għajnejhom għall ġid tagħhom, daŭn berbku is-soldi scarsi tagħhom fis-sigarretti, fil cafè, fil groggijet u fil fuljacci li jagħmlulom tant ħsara f'ruħhom, f'saħħithom u f'buthom. Naf li haŭn ħafna boloħ u dgħajjfin li jippreferixxu jberbku iż-żmien tagħhom prezjus fix-xecchic u il ħmerijet floc fit-tgħallim utili u progressiv. Daŭn ma humiex ħlief l'immaturi u ir-retrogradi li isimhom ma jitniżżel katt fil lista ta daŭc li għaliom huma maħżuna l'isbaħ premjijet tal ħajja prospera u glorjusa.

Jena naf sgur li il boton il ġdid igħodd ħafna blanzuni ta ŭard l'actar sabiħ u li għad ma ndumux ma ninsġu bihom curuna glorjusa għar-ras tal maħbuba Gżira tagħna.

Daŭna għad jintebħu li in-"NAHLA" ma hix speculazjoni għall klieħ tal flus jeŭ arma biex tgħakkes u tkarrak bil poplu għall finijet personali iżda li hi dmir ta iben sincier tasseŭ li jixtiek jakdi lejn art tŭelidu li tant ħabb sa mil eluf ta mili bogħod u li għadu jħobb b'kalbu collha sal-lum.

Għad jintebħu li ix-xeŭka cbira tigħi hi li ncun utili għall pajjisi sa chemm nagħlak għajnejja fi ħdanu u nħallat għadmi ma trabu li hu magħġun bid-demm glorjus ta tant kalbiena li nkerdu għax ħabbeŭha ħafna u tasseŭ fil jum tal fidŭa.

Għad jintebħu li nixtiek nara il poplu malti għalenija u kalb ŭaħda biex igħaddi il kuddiem u m'hux li narah mifruk u mimli mibegħda contra ħutu a dannu tigħu u ta pajjisu.

Allura ma jatux ŭiden actar għas-sefsif misħut u karrieki ta daŭc l'għedeŭŭa tigħi ŭ tagħhom li ma jriduniex ingħaddu il kuddiem għax jafu li ngherfxulom il borom tagħhom collha. Allura jivverificaŭ cull klajja u cull calunnja infami u jakbżu bil curaġġ collu għal l'innocenti u il maħkurin biss għax iridu jakdu dmirhom għall ġid ta cullħadd.

Għinuni mela ħalli nipprova nifdi lil poplu hecc imsejjaħ "baxx" specialment, mid-dlam u mil jasar li ħalleŭh fih daŭc collha li jibżgħu minnu imdaŭŭal u iggŭidat tajjeb; mifdi minn daŭc li mxeŭ migħu, għal tant snin tŭal, bil berrina rkieka u macchiavellesca tad-"*divide et impera*"—"*ofrok ħà's-saltan.*"

Daŭna usaŭ ucoll il metodu l'ieħor, latin ucoll, tad-"*date populo panem et circenses*"—"*ati lil poplu ħobż u xalar*"—biex ħacmuh actar chif riedu u redgħulu demmu u rifsulu id-drittijet tigħu l'actar sagrosanti bla ma intebaħ. Anzi daŭn is-sanghisughi misħuta irnexxielom jagħmuh bid-dagħdiħ tax-xalar u tal gŭerra tal partiti bla ma taŭh ħobż biż-żejjed biex jitrejjak hu u il familja tigħu, u għamluh, specialment lil ħaddiem, iż-żuffiett u il ħasira ta cullħadd.

Lil daŭn ucoll irrid nilħak jena bin-"NAHLA" tigħi ħalli ngħidilom: "Stenbħu minn ngħas tkil tagħcom, iftħu ftit għajnejcom, ingħakdu id f'id u kalb ŭaħda għall ġid u m'hux għall ħsara tagħcom, u la tħallux min jisserva bicom actar għal l'irvina ta pajjiscom biex biss iħaxchen bŭietu u jismen minn fuk demmcom il għażiż. Hudu id-destin kalil tagħcom f'idejcom darba għal dejjem u la titamaŭx actar f'daŭc li rifsucom u ħalleŭcom fi dlam u f'miserja l'actar cbar. Għajjtu "Daŭl, daŭl irridu" bħal ma għajjat il cbir Goethe kabel miet. *Fiat Lux!* u ingħakdu kalb ŭaħda bħala ulied Malta ħalli tieħdu li ħakkcom u tgħaddu trionfalment il kuddiem.

Dana tistgħu tagħmluh biss bl'istruzjoni u bl'educazjoni tal kalb u tal moħħ, u dina hi il missjoni tan-"NAHLA"—li tmexxicom lejn ix-xemx tal progress u tal fidŭa.

Tibkgħu riekdin fid-dlam u fil jasar bħal ħafna boloħ? Ma nitmax, għall ġiħ ta pajjisi; u in-"NAHLA" takdi dmirha collu biex ma tħallicomx mitlufin actar fin-ngħas li tinsabu imdaħdħa fih.

Abbasso mela ix-xidjet imġeŭŭħa għall demm il poplu! Evviva dejjem il Maltin imdaŭŭla u meħlusin! Mhux iżied il ferkan iżda il għalenija, mhux actar it-tberbik fil ħmerijet u fi ħŭejjeġ ta dannu iżda economija għall jum il bżonn u nefka għaklija għall ħŭejjeġ ta ħtieġa u ta fejda biss.

Mela in-"NAHLA", bla ma iżżomm ma' jeŭ ticcumbatti direttament, (għallankas għal issa sa nifhmu il għasida famusa u in-nassa mħarbta tal politica ħrafa ta pajjisna ftit aħjar), lil partiti, bi ħsiebha bid-dehen u il mezzi li għanda, tistudja u tiddiscuti serenament il questionijet fondamentali collha u takbeż, b'ħilitha collha, għal dac li hu ta vera ġid u ticcumbatti bil mezzi collha dac li hu ta dannu specialment tal ħaddiem. Dac il partit li fil programm u fill ħajja għandu l'actar principii fondamentali a favur tal poplu jirbaħ u jcollu indirettament l'appoġġ tagħna b'ħilitna u bil mezzi tagħna collha.

L'ebda partit ma jagħmel collox seŭŭa jeŭ collox ħażin. Li tintrabat, b'għajnejc magħluka, ma partit, u tiddefendi cull ma jagħmel, tajjeb jeŭ ħażin, biss għax hu il partit li min jakbillu jassrec migħu fih bħala rsir ta xini, ma hux ħlief fanatismu tal medio-evo, ħlief injoranza li jemmnu biha daŭc biss li ma għandomx l'abiltà u il curaġġ li jaħsbu bil moħħ li tahom Alla il ħanin, iżda li, bħal għomja, għandom bżonn min imexxihom minn imnieħirom, imkar ġo abbiss, għal ġid tigħu – u għad-dannu cbir tagħhom.

Mela niftehmu ċar fuk dan il pont importanti: in-"NAHLA" toccupa ruħha serjament u bil curaġġ u il ħeġġa collha biex tiftaħ għajnejn il karrejja tagħha fuk il problemi fondamentali tagħna collha, bla ma, jecc jista jcun, tattacca il persuni li jirrappresentaŭ il principji tal partiti. Iżda jecc in-"NAHLA" tintebaħ li daŭn ma humiex onesti u galantomi u li ma humiex kiegħdin jaħdmu għall ġid tal poplu hecc imsejjaħ baxx ucoll u specialment tal mirfus u mgħacches ħaddiem, allura ix-xeŭca tan-"NAHLA" li issa giet misnuna għal sittax il sena sħaħ fuk mola yankija tibda tkammes bl'aħrax l'għedeŭŭa tal poplu sa iċċartilhom minn ŭiċċhom dic il mascra tal kerk u tal għideb a dannu tal poplu li inħbeŭ ŭarajha għal tant snin tŭal.

Irridu niftehmu ċar ucoll fuk pont ieħor importanti ħafna: in-"NAHLA" ma bi ħsiebhiex tindaħal fi questionijet ta religion, la contra u lankas favur. La bi ħsiebha tisserva bir-religion għal finijet politici, u lankas timla il ŭisa bil ħajja tal kaddisin jeŭ bli spiega tal evangelji u lankas li tħalli l'għedeŭŭa tagħha jinbxuha. Biex jiddefendu u jxerrdu it-tgħallim religius hemm il Cleru intelligenti u żelanti tagħna, bl'Iskof

esemplari u illuminat li għandna bħala mexxej tagħhom, biżżejjed biex jakdu dana id-dmir lodevoli tagħhom. Aħna ma irridu nindaħlu fill cuxjenza ta ħadd. Xi dritt għandna aħna midinbin u ulied Adam bħalcom? Cullħadd fir-religion għandu jimxi scond id-daŭl tigħu u it-tgħallim ta daŭc li jatu ħajjitom għal din il missjoni. Aħna ma aħniex kassisin jeŭ patrijet iżda ġurnalisti u li scop tan-"NAHLA" hu li tgħallem biss daŭc il ħŭejjeġ li huma ta ħtieġa materjali u ta did-dinja — il ħobż u is-sakaf u il chesa ta cull jum b'dac collu li jista jagħmel lill poplu u lill ħaddiem fuk collox, din il ħajja li kiegħdin fiha actar commoda u sabieħa u mdaŭŭla u mfeŭŭħa bil għana tal arti u tax-xjenzi u fuk collox billi ngħallmuh jibża għal saħtu biex icun jista aħjar jitkabad u jirbaħ fill battalja tal ħajja. Cull min ideffes fil ġurnali politici ir-religion hu ipocrita u falz u jagħmlu b'nukkas ta rispett cbir lejha u lejn ir-rappresentanti tagħħa. Dan icun irid japprofitta ruħu billi jżattatha mal boloħ u ma li mzazen għall finijet u għall interessi l'actar baxxi u panjottistici tigħu.

Mela "*ne sutor ultra crepidam*" - ħadd ma għandu jindaħal f'dac li ma jesgħux, u għalecc in-"NAHLA" sejjra tħalli il ġlied u il pastażati tal partiti interessati għall organi tagħhom li huma biżżejjed, jecc mhux iż-żejjed, u il ħajja tal kaddisin u l'evangelji għall ġurnali religiusi, u ticconcentra l'energiji tagħha collha fuk il bżonnijet materjali u intellettuali tal popolin.

Dana ma jfissirx li aħna, bħala nsara veri u sincieri u mdaŭŭlin, ma nakbżux għall vera religion, jecc icun hemm il bżonn, fil questionijet fondamentali tagħha. Le. Biss ridt infisser ruħi li ma bi ħsiebniex nusaŭ disonestament ir-religion imkaddsa biex nitimgħu ir-ross bil-labra lill imzazen boloħ u għomja għall voti tagħhom u lankas nusaŭha viljaccament biex nattaccaŭ l'għedeŭŭa tagħna meta aħna jecc indaħħlu idna taħt abtna għandna x'inxommu ħafna ucoll.

Is-soluzjoni tal problema economicu tant gravi tagħna tista tisseŭŭa biss bit-tgħallim praticu u bl'educazjoni tal poplu. Tpaċpiċ u tnassis partitarju u cotba tal cnisja u ħajjet il kaddisin u prietchi bil malti il poplu għandu cull ma jinħtieġ. Dac li jonksu u li għandu ħafna bżonn cbir tigħu hu it-tgħallim materjali u praticu għas-soluzjoni tal problema importanti u urgenti ta dina il ħajja, li irridu jeŭ ma irridux, aħna fiha; u dina sejjra tcun il missjoni principali tan-"NAHLA" bis-sincerità u bil ħeġġa u bil curaġġ collha li jinħtieġu.

Għaliex għandna żeŭġ motti msammrin mal bandiera tagħna bajda u ħamra biss bla aħdar jeŭ ġacc inglis imħalltin magħha: "*Amicus Plato sed magis amica veritas*," "*Platone hu ħabibna iżda is-Seŭŭa actar minnu.*" Igifieri, li ma aħna bi ħsiebna nissagrificaŭ katt, bħal ma hu dmir tagħna ta ġurnalisti onesti u sincieri, is-Seŭŭa u l'Onestà u il Progress għar-rispett ta ħadd u għal l'ebda interess personali. Nagħmlu għad actarx ħafna sbalji għaliex aħna bniedmin fraġli u ulied Adam tat-tuffieħa, u cull għaref cull tant jiżlok xi żelka fin-niexef ucoll. Iżda meta jiġri dana ma jcunx magħmul b'malizia għal xi interess particulari jeŭ imħabba xi ġiufija għax bżajna mill babaŭ ta xi ħadd. *Veritas est una et praevalebit, is-Seŭŭa hu ħabib Alla* u ħabibna ucoll.

Ŭaħda mill ħŭejjeġ importanti tasseŭ li in-"NAHLA" bi ħsiebha tati ħafna ŭisa għaliha hi it-tgħallim fuk is-Saħħa billi, bħal ma jgħidilna il cbir filosofu u poeta american Emerson, "*Health is the greatest wealth*", u billi nafu li mingħajr is-saħħa ma tista tagħmel xejn jeŭ tasal imchien. *Salus suprema lex*, "is-saħħa hi il pedament ta collox," u għalecc sejjrin nibdgħu nibnu fukha billi nfissrulcom, ħafif, dac il għerf cbir u meħtieġ collu li aħna ġbarna mil aħjar u mil akŭa universitajet u istituti xjentifici tad-dinja u ŭara sittax il sena pratica intensa u li fihom ma għamilniex ħag'oħra ħlief iccurajna, u bosta drabi b'success cbir, eluf u eluf ta nies.

Mela bi ħsiebna ngħallmu lil min hu b'saħħtu chif jibża għaliha biex ma jitlifhiex bħala l'għeżeż ħaġa li għandu u chif jircupraha mill ġdid meta jitlifha, b'metodi ġodda u ippruvati scond il-liġijet ta Ommna in-Natura u tal akŭa autoritajjet Ministri tagħħa.

Ħudu ftit tal pacenzja b'dana l'eŭŭel numru billi hu tista tgħid bħala programm. Numri oħra taraŭ chif nibda generosament infaŭŭarhom b'ħafna sustanza ġdida u ta fejda u ta ħtieġa cbar b'mod li toħorġu soddisfatti għall bagatella li tħallsu tagħħom. In-"NAHLA" tħabbat il bieb tan-nies tad-dehen u tal għakal li jħobbu il progress u li jgħaddu il kuddiem. Lill daŭn mela insellmulhom bil kalb collha u ngħidulhom: "PROGRESSISTI MDAUULA MALTIN, MERHBA BICOM".

AUGUSTIN LEVANZIN.

## L'ORTOGRAFIJA

Dan in-numru hu mictub bl'istess ortografija li ħha chien mictub in-numru 179 ta "NAHLA" tas-17 ta Frar 1912, l'aħħar ŭieħed li ħareġ ħames tijem kabel ma tlakt għall Istati Uniti mistieden minn l'akŭa Istitut Xjentificu tad-dinja—THE CARNEGIE INSTITUTION—ta Boston, Mass., fejn somt b'success cbir għal 33 ġurnata u b'hecc irrendejt servizz importanti ħafna lill umanità b'sacrificcju cbir tal egħżeż ħŭejjeġ li chelli.

Naturalment dina l'ortografija illum, ŭara sittax il sena studju u esperjenza, ma tissodisfanix u għalecc bi ħsiebi bil pass il pass tan-nemla, inseŭŭiha u nagħmilha aħjar għall ġid tal poplu. Iżda ma ridtx infixchilcom b'ortografija ġdida mil bidu. Fin-numru li ġejj nibdeŭ l'eŭŭel tibdil u natu fit-tul ir-raġuni għala, sa chemm jirnexxilna natu lill ilsien għażiż tagħna ortografija ŭisk aħjar milli għandu u li tant jinħtieġ.

## IN-"NAHLA" IL KADIMA

Bi ħsiebi ucoll, bil mod il mod, naticom is-sustanza tan-"NAHLA" IL KADIMA collha biex daŭc li ma kraŭha katt jistgħallu il għasel bnin tagħha ucoll, u biex daŭc li għandhom il ġabra illegata icunu jafu chif u sa fejn għadni nakbel mal idei ta sittax il sena ilu u fejn u chif għamilt progress cbir. Min jillega din in-"NAHLA" icollu l'aħjar u l'actar moderna enciclopedija.

## LI SCOLA TECNICA

Li scop principali li għalih jena gejt f'Malta hu li nuri, bil provi, li meta għamilt l'offerta tal GHAXAR T'ELEF LIRA għal l'isvilupp ta li SCOLA TECNICA, li ni assolutament meħtieġa, ma contx kiegħed niċċajta jeŭ niffanfarunja. Anzi illum irrid noffri, bis-serietà u bis-sincerità collha, għal l'istess scop, almenu HMISTAX IL ELF LIRA STERLINA; u min irid jara id-documenti biex bihom nipprova li għandi dana l'ammont lest f'Bank għal meta niġi bżonnu, jena pront nagħmel bħal ma għamel Cristu ma San Tumas, nurihomlu.

Biss jena ma bi ħsiebnix nati daŭna il flus, li jena tant ħdimt u batejt għalihom, bħala carità lil ħafna għażżenin, injuranti u inidonei bla ma nottieni b'hecc ir-risultati li nixtiek għall ġid ta Malta. Irrid li cull sold li nonfok ifakkas.

